IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.1.2020
COM(2020) 1 final

2020/0001 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Abbażi tad-direttivi rilevanti tan-negozjar[1], il-Kummissjoni nnegozjat mal-Gvern tar-Repubblika tas-Seychelles (minn hawn 'il quddiem imsejħa "is-Seychelles") bil-ħsieb li tikkonkludi Ftehim ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu ma' dan il-pajjiż f'isem l-Unjoni Ewropea. Fi tmiem dawn in-negozjati, fit-22 ta' Ottubru 2019 in-negozjaturi inizjalaw Ftehim u Protokoll (għall-2020 sal-2026). Il-Ftehim il-ġdid iħassar il-Ftehim eżistenti u joħodlu postu, u jkopri perjodu ta' sitt snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu stabbilita fl-Artikolu 15, jiġifieri mid-data meta l-Partijiet jiffirmawh, u jiġġedded b'mod taċitu. Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' sitt snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja stabbilita fl-Artikolu 15, jiġifieri mid-data meta ż-żewġ Partijiet jiffirmawh.

Il-Protokoll il-ġdid jipprevedi opportunitajiet tas-sajd fil-kategoriji li ġejjin:

- 40 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni tal-borża;
- tmien bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ;
- bastimenti ta' appoġġ skont ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean tal-Indja.

Jenħtieġ li jiġi stabbilit il-metodu għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

L-għan ewlieni tal-Ftehim il-ġdid huwa li jipprovdi qafas aġġornat li jqis il-prijoritajiet tal-Politika Komuni tas-Sajd riveduta[2] u tad-dimensjoni esterna tagħha ħalli titkompla s-sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles fil-qasam tas-sajd u ħalli din tissaħħaħ.

Il-Protokoll għandu l-għan li lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea jagħtihom opportunitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tas-Seychelles skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli u skont ir-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean tal-Indja, fil-limiti tal-kwantità żejda disponibbli. Fost l-oħrajn, il-Kummissjoni sejset il-pożizzjoni tagħha fuq ir-riżultati ta' evalwazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll ta' qabel (li kien hemm għall-2014 sal-2020) u fuq ir-riżultati ta' valutazzjoni li tħares lejn il-ġejjieni dwar jekk għandhomx jiġu konklużi Ftehim u Protokoll ġodda. Dawn it-tnejn saru minn esperti esterni. L-għan huwa wkoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles ħalli jiġu promossi politika tas-sajd sostenibbli u użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tas-Seychelles u fl-Oċean Indjan, fl-interess taż-żewġ partijiet. Barra minn hekk, din il-kooperazzjoni se tikkontribwixxi wkoll biex jiġu promossi kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol fl-attivitajiet tas-sajd.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

In-negozjar ta' Ftehim ġdid ta' sħubija fis-settur tas-sajd mas-Seychelles jidħol fil-qafas tal-azzjoni esterna tal-Unjoni mal-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (imsejħin "il-pajjiżi

[1] Li ġew adottati fil-15 ta' Lulju 2019 waqt il-laqgħa tal-Kunsill għall-Agrikoltura u s-Sajd.

[2] ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

AKP") u jqis, b'mod partikulari, l-għanijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-ħarsien tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxi li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta tidħol fl-ambitu tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati waqt l-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante* dwar Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u Protokoll ta' Implimentazzjoni potenzjali ġodda bejn l-Unjoni u s-Seychelles. Saru konsultazzjonijiet ukoll mal-esperti mill-Istati Membri u mis-settur waqt laqgħat tekniċi. Minn dawn il-konsultazzjonijiet ħareġ li huwa fl-interess tal-Unjoni u tas-Seychelles li jikkonkludu Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u Protokoll ta' Implimentazzjoni ġodda bejniethom.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Bħala parti mill-evalwazzjoni ġew ikkonsultati l-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-industrija, l-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili, u l-amministrazzjoni tas-sajd u s-soċjetà ċivili tas-Seychelles. Saru wkoll konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal, b'mod partikulari waqt il-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Marzu 2019.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni qabbdet konsulent indipendenti jagħmel l-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante*, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(10) tar-Regolament li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-abbozz tar-Regolament ma għandu l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Din il-proċedura qed tinbeda b'mod parallel mal-proċeduri marbutin mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll ma' dawk marbutin mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tagħhom. Dan ir-Regolament għandu japplika ladarba jkunu jistgħu jibdew isiru

l-attivitajiet tas-sajd skont il-Ftehim, jiġifieri mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll.

2020/0001 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni nnegozjat Ftehim ġdid ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Sħubija") f'isem l-Unjoni Ewropea, kif ukoll Protokoll ġdid ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll").

(2) Il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll ġew inizjalati fi tmiem dawn in-negozjati, fit-22 ta' Ottubru 2019.

(3) Il-Ftehim ta' Sħubija jħassar il-Ftehim attwali ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u s-Seychelles li daħal fis-seħħ fit-2 ta' Novembru 2007.

(4) Il-Ftehim il-ġdid ta' Sħubija u l-Protokoll tiegħu ġew iffirmati fil-[daħħal id-data meta ġew iffirmati] skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/...[3], dejjem jekk dawn jiġu konklużi f'data iktar tard.

(5) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokati fost l-Istati Membri għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni tal-Protokoll.

(6) L-urġenza ta' dawn il-miżuri hija marbuta mal-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tas-Seychelles u mal-ħtieġa li titnaqqas kemm jista' jkun l-interruzzjoni ta' dawn l-attivitajiet.

(7) Il-Protokoll se jibda japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu sabiex ikunu jistgħu jitkomplew l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data,

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/... tal-… 2019 dwar … (ĠU C , , p.).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti skont il-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri kif ġej:

(a) il-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni tal-borża:

Spanja:	[22]	bastiment;
Franza:	[16-il]	bastiment;
l-Italja:	[żewġ]	bastimenti;

(b) il-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ:

Spanja:	[żewġ]	bastimenti;
Franza:	[erba']	bastimenti;
il-Portugall:	[żewġ]	bastimenti.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda japplika mid-data tal-iffirmar tal-Protokoll.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President